Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## L-GĦAXAR LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 13

**Data tal-laqgħa: 17 ta' Ġunju 2025**

Il-Kunsill Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fil-5.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Dr Angelo Micallef – Sindku (AM)
Edward Grech – Viċi Sindku (EG)
Annalise Galea – Kunsillier (AG)
Mary Louise Briffa – Kunsillier (MLB)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (4):
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier (ONDG)

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku AM ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.10pm.

## 13.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

13.1.1 Is-Sindku qal li kif kien infurma fil-laqgħa preċedenti, il-Kunsillier ONDG jinsab imsiefer u għalhekk ma setgħax jattendi. Se jkun qed isegwi l-laqgħa b'mod virtwali. Il-Kunsillier ONDG ġie unanimament skużat.

## 13.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

13.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-Laqgħa Nru. 12. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

13.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Viċi Sindku EG, li kien issekondat mill-Kunsillier AG, il-minuti ġew approvati.

## 13.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

13.3.1.1 <u>Para 12.3.3 – Dawl dekorattiv</u>
Biex jiżdied l-effett tad-dawl mas-siġar, l-*electrician* infurma li jista' jew ikabbar ir-rifletturi jew iżid l-ammont. Il-Kunsill qabel li jsir li hemm bżonn biex is-siġar ikunu mdawwlin iktar.

13.3.1.2 Dwar il-*wire* li hemm mgħoddi minn siġra għall-oħra, l-*electrician* infurma li biex jitneħħa jrid jgħaddi minn taħt il-bankina u jitla' minn mas-siġar. Il-Kunsill approva li jsir hekk.

**F'dan il-ħin (4.15pm) il-Kunsillier MLB daħlet għal-laqgħa.**

13.3.2.1 <u>Para 12.3.4 - *Framework Agreement – Public Works*</u>
Is-Sindku infurma li l-applikazzjoni biex isir *patching* (*hot asphalt)* ta' parti minn Triq Santa Marija reġgħet ma ġietx approvata. Is-SE infurmat li dan wara li qabel ma saret l-applikazzjoni, il-Kunsill kien ġab konferma min-naħa tal-*Public Works* li tali talba għandha tkun aċċettata.

13.3.2.2 Il-Kunsill qabel li nitolbuhom jelenkaw lista ta' xogħlijiet li huma koperti b'dan il-*Framework Agreement,* u nitolbu li ssir laqgħa magħhom. Apparti minn hekk, se nieħdu parir legali mingħand l-Avukat tal-Kunsill.

13.3.3 <u>**Para 12.3.6 - Talba biex titneħħa *parking bay* fi Triq San Franġisk (faċċata tal-garaxxijiet ta' *Homeland Court*)**</u>
Is-Sindku infurma li kiteb lill-TM fejn spjegalhom eżatt x'inhi l-problema u tlabnihom jikkunsidraw it-talba biex jitneħħa l-*parking bay* u jsir *dyl* minflok.

13.3.4 <u>**Para 12.4.1 - Proġett ta' *Embellishment* fi Triq il-Qarċilla**</u>
Is-Sindku infurma li xi nies ġibdulu l-attenzjoni li f'dik il-fetħa m'hemm l-ebda sors ta' dawl fit-triq. Għalhekk qed jiġi ssuġġerit li jsiru żewġ (2) lanterni dekorattivi. Il-Kunsill qabel u s-Sindku se jinfurma lill-Perit tal-Kunsill biex jinkludihom fl-applikazzjoni tal-PA bħala emenda.

13.3.5 <u>**Para 12.4.2 - Triq il-Kbira**</u>
Is-Sindku infurma li l-istima maħruġa mill-Perit tal-Kunsill biex isir *hot patching* tal-parti minn k/m Triq San Valentin sal-Knisja, tammonta għal aktar minn €12K għal xogħol temporanju. Din l-istima ġiet mgħoddija lill-IM, u infurmajnihom bl-urġenza. IM qalulna li qed jistennew mill-WSC biex jibdew ix-xogħol. Kien hemm qbil li għalissa jsir *patching* mill-ħaddiema tal-Kunsill meta tkun magħluqa t-triq fil-ġimgħa tal-festa.

13.3.6 <u>**Para 12.4.3 - Proġett - Għalqa, Wesgħa Profs. Ġuże' Aquilina**</u>
Is-Sindku infurma li resident qed jitlob li jiltaqa' mal-Perit biex jiddiskuti xi punti fuq natura teknika li għandu fuq ir-*reservoir* li qed jiġi propost fil-proġett. Se tiġi skedata laqgħa.

13.3.7 <u>**Para 12.11.2 - Bust ta' Mons. Dun Ġwann Dimech**</u>
Is-SE infurmat li fl-iskeda ta' Pagamenti tal-lum se jiġi approvat il-pagament bħala depożitu, biex l-artist ikun jista' jibda jaħdem fuq il-bust. L-artist se jkun qed jibgħatilna d-dettalji biex inkunu nistgħu nġibu kwotazzjonijiet tal-pedestall.

13.3.8 **<u>Para 12.12.1 - *Scaffolding* armat fi Triq il-Providenza</u>**
Is-SE infurmat li l-i*scaffolding* għandu jiżżarma sal-21 ta' Ġunju 2025.

13.3.9 **<u>Para 12.12.3 - Talba biex issir grada qabel ma jibda t-taraġ tal-bandli</u>**
Is-SE infurmat li għad trid iġġib kwotazzjonijiet ġodda.

13.3.10 **<u>Para 12.12.4 - Talba biex issir bankina – Triq it-Tabib J. Zammit</u>**
Is-SE infurmat li applikajna għal permess ma' TM biex issir bankina mal-ħajt tad-dar nru.13.

13.3.11 **<u>Para 12.12.6 - Petizzjoni biex isir *Residential Parking Scheme* fi Triq il-Qarċilla</u>**
Is-Sindku infurma li l-petizzjoni intbagħtet lis-Sur Kurt Farrugia (CEO ta' TM) u s'issa infurmawna li rċievewha.

13.3.12.1 **<u>Para 12.12.12 - *Telephone Box* li hemm fil-Pjazza</u>**
Is-Sindku infurma li tkellem mal-persuna li qed tieħu ħsieb it-*telephone box* f'Ħal Lija. Din il-persuna delettanta ħafna tal-kotba u qed jikkuntattja numru ta' Kunsilli Lokali li għandhom *telephone box* mitluqa fil-lokalità biex jagħmilha *outdoor library* u jamministra.

13.3.12.2 Il-Kunsill qabel li nirranġawha (żebgħa u xkafef temporanji) u ninfurmaw lil din il-persuna biex jibda jieħu ħsiebha.

13.3.13 **<u>Para 12.12.17 - Talba għal *cigarette bin* (fejn il-Każin tal-PN)</u>**
Is-SE infurmat li jekk m'hemmx fl-i*store*, jiġi ordnat wieħed.

## 13.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

13.4.1 <u>Pittura li waqgħet mis-saqaf tal-Knisja</u>
Wara l-inċident sfortunat li ġara ftit tal-jiem ilu, fejn waqgħet biċċa mill-pittura mis-saqaf tal-Knisja, is-Sindku tkellem mal-Kappillan, fejn f'isem il-Kunsill offrielu li nlaqqgħuh ma' tal-Fondi Ewropej biex jiggwidawh dwar kif jista' japplika għal dawn il-fondi.

13.4.2 <u>Skema Reġjun Tramuntana - €27,000 *Local Council Fund*</u>
Is-Sindku infurma li r-Reġjun bagħtu d-dettalji relatati ma' din l-iskema. Din se tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

13.4.3 <u>Talba biex Triq il-Kannizzata ssir kollha *one-way* (direzzjoni bil-kontra ta' kif inhi preżentement)</u>
Is-Sindku infurma li żewġ (2) residenti minn B'Kara qed jipproponu xi miżuri f'numru ta' toroq (B'Kara) u li Triq il-Kannizzata ssir kollha *one-way* (direzzjoni bil-kontra ta' kif inhi preżentement). Dan peress li qed ikun hemm konġestjoni tat-traffiku fi Triq P. P. Castagna (B'Kara). Il-Kunsill iddiskuta u ma qabilx ma' din il-proposta.

13.4.4 <u>Żvilupp fi Triq San Franġisk</u>
Is-Sindku infurma li fuq il-bankina quddiem sit ta' żvilupp (bejn Triq il-Kbira u Wied Ħal Balzan) tpoġġa xi *scaffolding* li qed jimblokka l-bankina. Se ssir spezzjoni.

## 13.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

13.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 13.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapporti

13.6.1 **<u>*Tender for the Street Sweeping Services in the locality of Ħal Balzan, using Low Emission Service Vehicles* – BLC 01/2025 - Aġġudikazzjoni</u>**
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-rapport tal-Evalwazzjoni tat-Tender BLC 01/2025. Il-Kunsill unanimament qabel li jilqa' ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni li għandha tintgħażel l-offerta ta' Galea Cleaning Solutions JV u għaldaqstant dan ir-rapport ġie approvati.

13.6.2 <u>Rapport li jikkumpara l-allokazzjoni maż-żieda fl-ispejjeż</u>
Is-SE ippreżentat ir-rapport li kien ippreparat mill-*accountant* tal-Kunsill, li ma setax ikun preżenti għal-laqgħa. Is-Sindku talab biex l-*accountant* jipprepara rapport ieħor tal-ispejjeż proġettati għall-ħames (5) snin li ġejjin biex jiġi kkomparat mad-dħul.

**F'dan il-ħin (5.57pm) ġiet sospiża l-laqgħa għal ftit minuti. Il-laqgħa tkompliet fis-6.05pm.**

## 13.7 Jum Ħal Balzan 2025

13.7.1 **Nominazzjonijiet għall-Premju Ġieħ Ħal Balzan 2025**

Ġew innutati n-nominazzjonijiet kollha li ġew sottomessi għal din is-sena. Il-Kunsill unanimament approva li jingħata Ġieħ Ħal Balzan lill-Senio Brincat, Helen Cini u Joe Cipriott, kollha fil-Kategorija Lokali.

Kien hemm qbil ukoll li jingħata Rikonoxximent lill-Mro. Joseph Vella u lill-Mro. Raymond Cremona.

13.7.2 **Jum Ħal Balzan**

Is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillier MLB għad iridu jiltaqgħu biex jibdew jaħdmu fuq l-attività għal Jum Ħal Balzan.

## 13.8 Festa 2025

13.8.1 Is-Sindku infurma li l-laqgħa ta' qabel il-festa mal-pulizija u l-għaqdiet li jagħtu sehemhom fil-festa saret.

13.8.2 L-għeluq tal-pjazza se jibda mill-Erbgħa tal-ġimgħa tal-festa sat-Tnejn ta' wara l-festa. Is-Sindku qal li qed nitolbu lill-TM biex matul dan il-perjodu, id-direzzjoni tat-traffiku ta' Triq San Valentin tinqaleb bil-kontra. Dan biex vetturi niżlin minn fejn Skarpoli, jkollhom minn fejn joħorġu. S'issa TM qed jirreżistu din it-talba.

**F'dan il-ħin (6.08pm) ġiet sospiża l-laqgħa għal ftit minuti, peress lis-Sindku kellu jagħmel l-intervent tiegħu f'isem il-Kunsill fis-seduta tal-PA dwar l-applikazzjoni ta' *street alignment* f'Wied Ħal Balzan k/m Triq it-Tliet Knejjes. Il-laqgħa tkompliet fis-6.25pm.**

13.8.3 Is-Sindku infurma li saret laqgħa mal-kuntrattur tal-knis biex nikkoordinaw it-tindif tat-toroq wara li jgħaddu l-marċi u wara l-Festa tal-karti. Is-Sindku infurma li tlabnieh kwotazzjoni għall-ħasil tal-pjazza bil-*power wash* wara l-festa.

13.8.4 Is-Sindku infurma li fil-21 ta' Ġunju 2025 (3 ġimgħat qabel u ġimgħa wara l-festa), jibda l-perjodu li ma jinħarġux permessi fit-toroq li jkun hemm l-armar tal-festa.

13.8.5 Bħas-snin preċedenti, se jiġi ordnat bukkett fjuri biex jiġi ppreżentat waqt il-Quddiesa tal-Festa.

## 13.9 Skemi Finanzjarji

13.9.1.1 **SPI/SCI/07/2025 – Finanzjament – Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalità**

Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill l-applikazzjoni għal skema SPI/SCI/07/2025 li tinkludi d-dettalji tal-proġett ta' Tisbiħ fi Ġnien Joseph A. Stellini. Jekk l-applikazzjoni tiġi approvata, l-iskema ser tkun qed tkopri 85% tal-ispiża.

13.9.1.2 Il-Kunsill permezz ta' riżoluzzjoni unanimament approva li jissottometti l-applikazzjoni. Il-Kunsill approva wkoll li jiffinanzja 15% tal-ispiża

13.9.2.1 **SPI/SCI/04/2023 – Skema ta' Finanzjament – Komunitajiet aktar Siguri u Organizzati**

Is-SE infurmat li l-kuntrattur kellu jinstalla s-sistema tas-*CCTV cameras* sal-aħħar ta' Mejju 2025. Sal-lum, għad ma ġie installat l-ebda apparat. Is-SE pruvat iċċemplilhom diversi drabi, bagħtet ukoll diversi *emails,* però ma rċeviet l-ebda tweġiba. Is-SE fakkret li dan il-proġett kellu jiġi implimentat sal-aħħar ta' Mejju 2025.

13.9.2.2 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nitolbu estensjoni ta' din l-iskema. Il-kuntrattur li ħa t-*tender* qed juri biċ-ċar li m'għandux interess jimplimenta l-obbligi tiegħu skond il-kuntratt u għalhekk kien hemm qbil li jtemm il-kuntratt u nitolbu l-permess li jingħata *Direct Order* biex tingħażel kumpanija effiċjenti u li tagħti s-servizz kif mitlub.

13.9.3 ***Financial Support for Publications by Individuals and VOs*** **- Reġjun Tramuntana**

Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill Skema Finanzjarja mir-Reġjun Tramuntana maħruġa speċifikament għal individwi u VOs. Is-SE infurmat li kopja tagħha intbagħtet lill-għaqdiet tar-raħal.

## 13.10 Kommemorazzjoni ta' personalitajiet lokali

13.10.1 Dan l-*item* ġie diskuss aktar qabel f'*item* 13.3.7.

## 13.11 Mozzjoni Nru. 53 – *Carrying Capacity*

13.11.1 Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill mozzjoni li kienet ippreżentata mis-Sindku u ssekondata mill-Viċi Sindku. Is-Sindku qara l-mozzjoni (annessa - DOK 1).

13.11.2 Din il-mozzjoni ġiet diskussa u approvata mill-erba' (4) membri preżenti għal-laqgħa.

## 13.12 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

13.12.1 <u>Talba biex il-*bollards* ta' quddiem il-Knisja jiġu irtirati ftit il'ġewwa</u>
Residenta qed titlob biex jiġu irtirati l-*bollards* ftit il'ġewwa għax kull meta jgħaddu *coaches* kbar qed joħolqu konġestjoni tat-traffiku peress li ma jkunux jistgħu jgħaddu. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jirtira l-ewwel tliet (3) *bollards* ftit il'ġewwa.

13.12.2 <u>Applikazzjoni ta' *street alignment* f'Wied Ħal Balzan k/m Triq it-Tliet Knejjes</u>
Il-Perit tal-Kunsill infurma lis-Sindku li l-applikazzjoni ta' *street alignment* f'Wied Ħal Balzan k/m Triq it-Tliet Knejjes ma ġietx approvata mill-PA.

13.12.3 <u>Talba biex issir *soft bollard* fejn Skarpoli</u>
Resident fi Triq Valent Muscat qed jitlob li ssir *soft bollard* fejn Skarpoli għax vetturi qed jipparkjaw fuq il-bankina u jostakolaw ir-rampa tal-*wheelchairs* u *pushchairs*. Din it-talba ma ġietx approvata għax il-*bollard* se toħloq inkonvenjent lill-garaxx li hemm maġenb Skarpoli. Kien hemm biex minflok napplikaw ma' TM biex issir *yellow grid box* fuq il-bankina.

13.12.4 <u>*Merħba Locality Sign* fi Triq Birbal</u>
Sid il-ħanut li hemm fejn kien Costa Coffee qed joġġezzjona li teħel il-*Merħba Locality Sign* għax skond hu qed tattilu l-viżta tal-ħanut. Is-SE spjegat li tal-HSBC digà marru darbtejn u sid il-ħanut ma ħallihomx iwaħħluha. Il-Kunsill m'approvax din it-talba għax it-tabella minn dejjem hemm kienet u qed timmarka l-bidu tal-konfini. Għalhekk it-tabella għandha terġa' teħel fejn kienet. IL-Kunsill jissuġġerixxi biex jekk ikun hemm bżonn imorru jwaħħluha fil-preżenza tal-Pulizija.

13.12.5.1 <u>Triq Wiġi Ebejer k/m Triq l-Annunzjata</u>
Sid garaxx li qed jiġi żviluppat qed titlob li jitneħħa l-*parking* minn faċċata u minflok isir dyl biex tkun tista' taċċessa l-garaxx. Apparti minn hekk, issa li dalwaqt tibda tuża l-garaxx, qed titlob li l-kaxxa l-bajda ta' quddiem l-entratura tal-garaxx issir safra. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-kaxxa safra quddiem il-bieb tal-garaxx issir meta jitweħħel il-bieb. It-talba biex jitneħħa l-*parking* minn faċċata ma ġietx approvata għax hemm biżżejjed

13.12.5.2 Qed titlob ukoll li tinstalla strutturi żgħar tal-ġebel mal-faċċata għax il-vetturi li qed jipparkjaw qed jagħmlulha l-ħsara mal-faċċata. Il-Kunsill approva li jiġu installati strutturi żgħar tal-ġebel mal-faċċata, bil-kundizzjoni li ġġib il-permessi kollha neċessarji qabel ma jiġu installati.

13.12.6 <u>Parkeġġ fi Triq l-Annunzjata k/m Triq Wiġi Ebejer</u>
Il-Kunsillier MLB infurmat li meta saru r-*road markings* mill-WSC tneħħa parkeġġ mill-kantuniera. Se ssir spezzjoni u f'każ li tneħħa l-parkeġġ isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

13.12.7 <u>*Noise Pollution* u sigurtà fi Triq il-Ferrovija l-Qadima k/m Vjal il-Bon Pastur</u>
Resident qed jitlob li titwaħħal tabella *'No Horn'* għax vetturi ta' spiss idoqqu l-ħorn u qed joħolqu *noise pollution*. Din it-talba ma ġietx approvata. Il-Kunsill se jkun qed jagħmel studju fuq miżuri li jistgħu jittieħdu sabiex nikkontrollaw l-i*speed* f'numru ta' toroq fil-lokalità, inkluż din it-triq partikolari.

13.12.8 <u>Sprall iċekċek fi Triq il-Kbira</u>
Il-Viċi Sindku infurma li l-isprall (li jaqsam tul it-triq) ftit l'isfel mill-ex-Dolphin Centre qed jagħmel ħafna storbju. Se jiġi irraportat lill-entità kkonċernata.

## 13.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

13.13.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti nru. 06/25, li tinkludi l-ammont ta' €158.87c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Mejju 2025.

13.13.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku EG li kien issekondat mill-Kunsillier AG. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 13.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

13.14.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.08pm.

13.14.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 29 ta' Lulju 2025 fil-5.00pm.

Konfermati, it-Tlieta, 29 ta' Lulju 2025.

**IFFIRMATA**

Dr Angelo Micallef
Sindku

**IFFIRMATA**

Doriette Farrugia
Segretarju Eżekuttiv

DOK 1

# MOZZJONI: Studju dwar il-Kapaċità ta' Tolleranza ta' L-Iżvilupp – '*Carrying Capacity*'

**LIL:** Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan

**MINN:** Angelo Micallef

**SUĠĠETT:** Studju dwar il-Kapaċità ta' Tolleranza ta' L-Iżvilupp Carrying Capacity'għall-lokalità ta' Ħal Balzan

**Data:** 06/06/2025

Dan il-Kunsill ghandu jara li mill-aktar fis possibbli jsir studju dwar il-*carrying capacity* fil-lokalita sabiex minnu johrog dawn ir-rizultat hawn taħt imsemmija:

**Definizzjoni:**

"Studju dwar il-'*Carrying Capacity*'" huwa essenzjali għal kull lokalita' sabiex jevalwa u jiddetermina kemm il-lokalita' tiflaħ għal żvilupp, popolazzjoni jew attivitajiet oħra li ikunu jistghu jibqghu jsiru b'mod sostenibbli, mingħajr ma tagħmel ħsara lill-ambjent, l-infrastruttura jew il-kwalità tal-ħajja tar-residenti. L-istudju tal-carrying capacity jitkellem ukoll fuq il-massimu li raħal jew belt tista' tilħaq qabel ma tibda tiddeterjora u ssir insostenibbli.

**Għanijiet tal-Istudju:**

- Biex siru studji tal-'*Carrying capacity*' għal lokalità li permezz tiegħu jiġu żgurati l-investimenti infrastrutturali meħtieġa għal-lokalità għas-snin li ġejjin.
- Biex jiġu informati l-awtoritajiet tal-ippjanar u allura jiġu aġġornati l-*policies* neċessarji.
- Biex jiġi evitat żvilupp żejjed li jwassal għal degradazzjoni ambjentali;
- Biex jinkiseb bilanċ bejn tkabbir ekonomiku u sostenibbiltà ekoloġika u soċjali.



Kunsill Lokali: Ħal-Balzan
- 6 JUN 2025
RECEIVED

**Parametri Ewlenin li għandhom jiġu Analizzati:**

**Kapaċità Ambjentali – inkluz iżda mhux limitat għal:**

- Provvista tal' ilma
- Maniggjar tal-iskart (eż. drenaġġ)
- Kwalità tal-arja
- Żoni ħodor u jew kosti li joffru kwalita' ta' ħajja aħjar lir-residenti

**Kapaċità ta' Infrastruttura - inkluz iżda mhux limitat għal:**

- Toroq u traffiku
- Trasport pubbliku
- Provvista tal-elettriku
- Aċċess pedonali anke li jikkomodaw l-aċċess b'mod sostenibbli għad-djar residenzjali
- Aċċessibilta' għal persuni bi bżonnijiet partikolari

**Servizzi Soċjali - inkluz iżda mhux limitat għal:**

- Kura tas-saħħa
- Edukazzjoni
- Servizzi ta' emerġenza u sigurtà

**Identita`- inkluz iżda mhux limitat għal:**

- Sports
- Kultura u Wirt Storiku
- Tradizzjonijiet

**Użu tal-Art u re-zoning;**

**Pjanijiet (inkluż iżda mhux limitat) għal sitwazzjonijiet ta' emergenza**

**Riżultati mistennija minn din il-mozzjoni:**

- Linji gwida jew regolamenti dwar densità tal-bini;
- Proposti għal titjib infrastrutturali;
- Żoni ta' konservazzjoni ambjentali;
- Limitu massimu ta' residenti jew turisti;
- Użi sostenibbli tal-art li taqa' taħt id-domiċilju tal-kunsill lokali.

**Fil-Prattika:**

Tali studji għandhom jsiru minn esperti fil-qasam, awtoritajiet governattivi li jgawdu r-rispett u stima soċjali, qabel ma jsiru proġetti ta' żvilupp kbar, ippjanar ta' bliet jew ippjanar tat-turiżmu, sabiex jiġi evitat tkabbir li mhux sostenibbli u tiġi żgurata l-kwalità tal-ħajja fit-tul.

**It-triq 'il Quddiem:**

Dawn l-istudji għandhom jiġu ffinanzjati mill-Gvern Ċentrali jew mill-Awtorita' tal-Ippjanar permezz ta' fondi nazzjonali u LI MA JITTIEĦDUX MILL-FONDI TAL-ISTESS KUNSILL LOKALI DIRETTAMENT/INDIRETTAMENT.

Ukoll, il-Kunsill Lokali ta' **Ħal Balzan** għandu jiddeċiedi dwar kwalunkwe responsabbiltà jew deċiżjoni relatata mat-twettiq ta' dan l-istudju.

Proponent – Angelo Micallef

Sekondant – Edward Grech